**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 19 ta' Novembru 2018**

**Rikors Numru 53/18**

**Dr. George Bugeja**
**vs**
**Bord dwar il-Petizzjonijiet**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikorsipprezentat minn **Dr. George Bugeja** li permezz tieghu talab illi decizjoni tal-Bord intimat datata 22 ta' Mejju 2018 hija zbaljata u ngusta u ghalhekk talab li tigi mhassra u revokata ghar-ragunijiet indikati fl-istess rikors;

Ra illi l-Bord intimat gie debitament notifikat bir-rikors promutur fil-15 ta' Gunju 2018;

Ra illi r-rapprezentant tal-Bord intimat dehret fl-ewwel seduta assistita minn Dr. Miguel Degabriele;

Ra illi l-Bord intimat ipprezenta rikors fit-3 ta' Awwisu 2018 fejn ippremetta s-segwenti:-

*"Illi ai termini tal-verbal tat-23 ta' Lulju 2018 dan l-Onorabbli Tribunal ikkonċeda lill-esponent l-opportunita' illi jressaq rikors sabiex jispjega r-raġuni/ijiet tiegħu fir-rigward tan-nuqqas tal-istess illi jintavola risposta għar-rikors promotur tas-6 ta' Ġunju 2018 entro t-terminu ta' għoxrin ġurnata kif stabbilit bil-Liġi bl-għan illi konsegwentement jiġi awtorizzat jintavola tali risposta;*

*Illi qabel kollox l-esponent umilment jinforma lit-Tribunal illi għalkemm l-amministrazzjoni tal-istess Bord taqa' taħt il-kompetenza tal-Aġenzija LESA, il-Bord huwa wieħed statutorju appuntat mill-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali ai termini tal-artikolu 2 tal-Liġi Sussidjarja 291.04 (Regolamenti dwar Petizzjonijiet quddiem it-Tribunali Lokali). Di piu' il-Gazzetta tal-Gvern numru 19,914 tal-5 ta' Diċembru 2017 (annessa u mmarkata bħala Dok 'A') tindika illi l-membri tal-Bord huma appuntati mill-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali;*

*Illi s-suespost qiegħed jingħad fid-dawl tal-Artikolu 181B (3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta fis-sens illi ġialadarba l-Bord jaqa' taħt id-dekasteru tal-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali u huwa appuntat mill-istess Ministru kellha ssir id-debita notifika tal-Avukat Ġenerali ai termini tal-Liġi sabiex jibda jidekorri t-terminu għar-risposta, ħaġa li sal-ġurnata ta' llum għadha ma saritx;*

*Illi għaldaqstant l-esponent jikkontendi illi ġialadarba n-notifika tar-rikors promotur lill-Avukat Ġenerali ai termini tal-Liġi ma saritx u illi ġialadarba tali notifika għandha dejjem ssir meta att ġudizzjarju huwa magħmul kontra l-Gvern, it-terminu għar-risposta ma bediex jidekorri u l-esponent huwa tal-umli fehma illi huwa għandu jiġi awtorizzat jintavola risposta ġialadarba l-attur jiddeċiedi illi jinnotifika lill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali bir-rikors promotur;*

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jingħad ukoll illi din hija l-ewwel darba illi l-Bord per se ġie mħarrek bħala intimat f'kawża (u dwar din l-esponent għandu riżervi kbar). Dak li ġara fattwalment min-naħa tal-Bord kien illi n-notifika tar-rikors promotur li saret lill-Bord permezz tal-posta bil-pink card ġiet mibgħuta mir-reġistratur tal-Aġenzija LESA lill-Membri tal-Bord taħt l-impressjoni illi din kienet waħda mill-ħafna petitions illi l-istess Aġenzija tirċievi. Konsegwentement wieħed mill-membri tal-Bord intebaħ illi d-dokument kien proprju r-rikors promotur tal-kawża odjerna, u dan wara li ddekorrew l-għoxrin ġurnata kif imposti mill-Liġi;*

*Jingħad ukoll illi l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali ġie notifikat bl-avviż tas-smigħ tas-seduta tat-23 ta' Lulju fis-16 ta' Lulju* **biss** *mingħajr ma ġie notifikat bir-rikors promotur u kwalunkwe dokument anness. Dan ifisser illi r-rappreżentant legali tal-esponent ċertament ma kienx f'pożizzjoni illi jirrispondi għall-kawża odjerna meta fiżikament u formalment huwa ma ġiex notifikat bir-rikors promotur;*

*In vista tar-raġunijiet suesposti, l-esponent umilment jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jawtorizza lill-esponent iressaq risposta għar-rikors promotur ġialadarba l-attur joħroġ notifika tal-imsemmi rikors lill-Avukat Ġenerali ai*

*termini tal-Liġi u dan taħt kull provvediment illi dan l-Onorabbli Tribunal jidhirlu xieraq u opportun."*

Ra r-risposta ta' Dr. George Bugeja ipprezentata fit-8 ta' Ottubru 2018 li permezz taghha oppona ghat-talba tal-Bord intimat;

Ra li r-rikors gie mholli ghal-lum ghas-sentenza preliminari dwar il-kwistjoni tal-gustifikazzjoni tal-kontumacja.

**Ikkunsidra:**

Illi t-Tribunal se jghaddi biex l-ewwel u qabel kollox jindirizza l-kwistjoni jekk l-Avukat Generali iridx tassattivament jigi notifikat bi proceduri mibdija quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva a tenur tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan it-Tribunal diga kellu diversi okkazjonijiet fejn esprima ruhu dwar dan il-punt.[1] Ghalhekk filwaqt li jaghmel referenza ghal dawk id-decizijonijiet jerga' jirribadixxi illi l-Kapitolu 490 tal-Ligijiet ta' Malta huwa ligi specjali li minn imkien minnha ma johrog xi obbligu li l-Avukat Generali jrid jigi notifikat bir-rikors promutur, u ghalhekk, it-terminu ta' ghoxrin (20) gurnata ghall-prezentata tar-risposta ta' awtorita` pubblika jibdew jiddekorru mill-gurnata li l-istess awtorita` tircievi n-notifika tal-istess rikors.

Ghalhekk it-Tribunal issa sejjer jezamina jekk il-Bord intimat kellux xi gustifikazzjoni ghan-nuqqas tieghu li jipprezenta r-risposta *entro* t-terminu stabbilit.

Id-decizjoni gwida f'materja ta' kontumacja hija dik fl-ismijiet "**Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo**" deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fid-19 ta' Mejju 1937 (Vol. XXIX.i.1581) mill-Imhallef William Harding fejn fiha gew elenkati l-principji li gejjin rigwardanti l-kontumacja:

*(1) Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet volontarja;*
*(2) Lanqas tista' tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza;*
*(3) Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi ppruvata kawza gusta;*
*(4) Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisiti f'impediment legittimu;*
*(5) L-impediment, biex ikun legittimu, ghandu jkun indipendenti mill-volonta` tal-kontumaci;*
*(6) L-izball mhux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli, ghaliex jekk ikun vincibbli, allura jigi ekwiparat ghall-kolpa;*

[1] Fosthom **Natalya Kopytova vs Ministru tal-Finanzi** deciza fl-4 ta' April 2017; **Ph. Borg Limited vs Direttur Generali (Dwana)** deciza fis-27 ta' April 2015

*(7) Dan l-impediment legittimu jista' jkun kif intqal, "una necessita` impellente di chiamata ad altri doveri imprescendibili",*
*(8) l-impossibilita` li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika, u eccezjonalment biss tista' tkun morali."*

Illi minħabba l-effett irriversibbli li l-kontumacja ggib magħha, il-Qrati tagħna ddecidew li r-rigorosita' tal-procedura għandha tigi applikata u mfissra b'mod restrittiv fis-sens li fejn il-Qorti tkun soddisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas volut min-naħa tal-persuna mħarrka li jista' jammonta għal ħtija, m'għandu jkun hemm l-ebda diffikulta' li l-kontumacja titqies gustifikata.[2]

Illi sa minn dejjem, il-Qrati tagħna qiesu li jagħmlu differenza bejn il-kontumacja ta' tort u dik gustifikabbli. Huma ssoktaw b'din il-linja wkoll sa żminijiet ricenti u ddistingwew bejn il-konvenut li juri disinteress assolut u l-ieħor li juri kull fehma li jikkontesta l-kawża u li ma laħaqx għamel dan għal raguni li ma kienx jaħti għaliha.[3] Illi dwar x'iwassal il-kontumacja biex titqies bħala waħda kolpuża, din il-Qorti tagħmel referenza għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell f'sentenza tagħha tas-7 ta' Marzu, 1994, fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Delceppo vs Onorevoli Raymond Bondin et**[4], fejn ingħad li *"il-kolpa tikkonsisti fl-omissjoni tal-konvenut li, in konformita' mad-doveri imposti mil-ligi, jonqos li jagħmel l-arrangamenti necessarji, fid-dar u fil-post tax-xogħol, biex jaslu għandu l-ittri registrati li jaslulu, jew meta jagħmel dawk l-arrangamenti imbagħad jonqos li jsir jaf b'dak li suppost ikun jaf. . . . Il-każijiet fejn ikun hemm nuqqasijiet pruvati tat-terzi persuni li jircievu l-atti bil-posta, jitolbu konsiderazzjoni oħra, u li jridu jigu risoluti skond il-konkretezza ta' kull każ".* F'dik l-imsemmija sentenza l-Qorti kienet tenniet b'enfasi li l-ligi, fl-artikolu 187 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tqiegħed dmir fuq ic-cittadini kollha li jaqgħu taħt ilgurisdizzjoni tagħha li jaraw u jassikuraw li dawk il-persuni kollha li jgħixu magħhom fid-dar fejn joqogħdu jikkonsenjawlhom l-ittri li jircievu.

Issa fil-kaz in ezami, il-Bord intimat sostna li meta gie ricevut ir-rikors dan intbaghat lill-Membri tal-Bord taht l-impressjoni li din kienet wahda mill-hafna petizzjonijiet li l-Bord jircievi u kien biss wara li ghaddew l-ghoxrin gurnata ghall-prezentata tar-risposta li gie nnotat dan l-izball minn membru tal-istess Bord.

Illi jekk wiehed jara din il-gustifikazzjoni fid-dawl tas-sentenzi su citati isib li r-raguni mressqa mill-Bord intimat bl-ebda mod ma tista' tigi ekwiparata ghal xi

[2] P.A. 4.7.1991 fil-kawża fl-ismijiet Vella pro et noe vs Ellul (Kollez. Vol: LXXV.iii.729)
[3] P.A.: 9.12.1993 fil-kawża fl-ismijiet G. Beacom vs A. Spiteri Staines (Kollez. Vol: LXXVII.iii.195)
[4] Kollez. Vol: LXXVIII.ii.28

zball invincibbli u li dak li gara kien minhabba nuqqas mir-Registratur tal-Agenzija LESA li rcieva r-rikors promutur. Illi jekk wiehed jaghti daqqa t'ghajn lejn ir-rikors huwa bil-wisq evidenti li din ma kinitx petizzjoni bhall-ohrajn li jircievi l-Bord u li maghha kien hemm Avviz mahrug mis-Segretarju ta' dan it-Tribunal li kull min jigi notifikat bir-rikors ghandu jipprezenta r-risposta tieghu fi zmien ghoxrin (20) jum mid-data tan-notifika tal-istess rikors.

Ghal dawn ir-ragunijiet, għalhekk, il-Qorti qegħda tiddeciedi billi ssib li ma ngabitx raguni tajba biżżejjed biex il-Bord intimat jitqies li ggustifika l-kontumacja tiegħu. Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jichad it-talba tieghu biex jippresenta r-risposta tieghu.

Bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-Bord intimat.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**